

EBA/GL/2021/11

09/11/2021

Linji gwida

dwar l-indikaturi tal-pjan ta' rkupru

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jstabilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 14.02.2022. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2021/11". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw, f'konformità mal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2014/59/UE², il-lista minima ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi tal-pjan ta' rkupru, li għandha tkun inkluża fil-pjanijiet ta' rkupru żviluppatti u vvalutati f'konformità mal-Artikoli 5 sa 9 ta' dik id-Direttiva kif speċifikat ulterjorment fl-Artikoli 3 sa 21 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075³, l-arranġamenti xierqa għall-monitoraġġ regolari ta' tali indikaturi, il-punti fejn jistgħu jittieħdu l-azzjonijiet imsemmija fil-pjan ta' rkupru, l-azzjoni li għandha tittieħed fir-rigward ta' dawn l-indikaturi u kwalunkwe kundizzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/59/UE b'rabta ma' dawn l-indikaturi.

Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-istituzzjonijiet kif definiti fil-punt 23 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE soġġetti għall-obbligi stipulati fl-Artikoli 5 sa 9 ta' dik id-Direttiva kif speċifikat ulterjorment fl-Artikoli 3 sa 21 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075.
7. Għall-istituzzjonijiet li mhumiex parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata skont l-Artikoli 111 u 112 tad-Direttiva 2013/36/UE, dawn il-linji gwida japplikaw fuq il-livell individwali.
8. Għall-istituzzjonijiet li huma parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata skont l-Artikoli 111 u 112 tad-Direttiva 2013/36/UE, dawn il-linji gwida japplikaw fuq il-livell tal-impriża prinċipali tal-Unjoni u fil-livell tas-sussidjarji tagħha.
9. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jispeċifikaw kif għandhom japplikaw dawn il-linji gwida kollha jew parti minnhom għall-istituzzjonijiet li huma soġġetti għal obbligi ssimplifikati fir-rigward tal-pjanijiet ta' rkupru tagħhom kif stipulat fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/59/UE.
10. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw l-applikazzjoni ta' ċerti indikaturi jew kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 21 sa 23 għall-istituzzjonijiet li huma ditti ta' investment, fejn l-applikazzjoni tagħhom ma tkunx xierqa għall-ippjanar ta' rkupru tad-ditta ta' investment jew tal-grupp tad-ditta

² Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075 tat-23 ta' Marzu 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut tal-pjanijiet ta' rkupru, il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp, il-kriterji minimi li l-awtorità kompetenti trid tivvaluta fir-rigward tal-pjanijiet ta' rkupru u l-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp, il-kundizzjonijiet għall-appoġġ finanzjarju tal-grupp, ir-rekwiżiti għall-valutaturi indipendenti, ir-rikonoxximent kuntrattwali tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u konverżjoni u l-avviż tas-sospensjoni u l-funzjonament operattivi tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni (ĠU L 184, 8.7.2016, p. 1).

ta' investment, wara li jikkunsidraw kemm il-mudell tan-negozju kif ukoll l-istruttura legali, il-profil tar-riskju, id-daqs jew il-kumplessità tagħhom.

Destinatarji

11. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punti (2)(i) u (2)(viii) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fejn dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida.

Definizzjonijiet

12. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2014/59/UE, id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva (UE) 2019/2034 għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida.

13. Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

“awtorità kompetenti”	.tfisser l-awtorità kompetenti kif definita fil-punt 21 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE u s-superviżur konsolidanti kif definit fil-punt 37 tiegħu kif ukoll l-awtorità kompetenti kif definita fil-punt 5 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 u s-superviżur tal-grupp kif definit fil-punt 15 tiegħu
“istituzzjoni”	.tfisser l-istituzzjoni kif definita fil-punt 23 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-impriża prinċipali tal-Unjoni kif stipulat fil-punt 85 tiegħu
“kapaċità kumplessiva tal-irkupru”	.tfisser il-kapaċità ta' istituzzjoni jew ta' grupp fl-intier tagħhom li terġa' tinkiseb pożizzjoni finanzjarja soda wara deterjorament konsiderevoli
“pjan ta' rkupru”	.tfisser il-pjan ta' rkupru stipulat fl-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva 2014/59/UE u l-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp stipulati fl-Artikoli 7 u 8 ta' dik id-Direttiva
“indikaturi tal-pjan ta' rkupru”	.tirreferi għall-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi stabbiliti minn kull istituzzjoni abbażi tal-qafas stabbilit f'dawn il-linji gwida biex jiġu identifikati l-punti li fihom jistgħu jittieħdu l-azzjonijiet xierqa msemmija fil-pjan ta' rkupru kif stipulat fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/59/UE

3. Implimentazzjoni

Data ta' applikazzjoni

14. Dawn il-linji gwida japplikaw minn 14.02.2022.

Tħassir

15. Il-Linji Gwida dwar il-lista minima ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi tal-pjan ta' rkupru (EBA-GL-2015-02) tas-6 ta' Mejju 2015⁴ huma mħassra u sostitwiti b'effett minn 14.02.2022.

4. L-istabbiliment tal-qafas tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru

16. Il-qafas tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru għandu jiġi stabbilit mill-istituzzjonijiet u vvalutat mill-awtorità kompetenti filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida.
17. Il-pjan ta' rkupru għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-attivazzjoni tal-pjan ta' rkupru bħala element essenzjali tal-istruttura ta' governanza, ibbażat fuq proċess ta' eskalazzjoni bl-użu tal-indikaturi stipulati fil-qafas rilevanti u f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/59/UE.
18. Fid-definizzjoni ta' dan il-qafas, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw li l-ksur ta' indikatur ma jattivax awtomatikament opzjoni speċifika ta' rkupru iżda jindika li għandu jinbeda proċess ta' eskalazzjoni biex jiġi deċiż għandhiex tittieħed azzjoni jew le.
19. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu indikaturi tal-pjan ta' rkupru li huma kemm ta' natura kwantitattiva kif ukoll ta' natura kwalitattiva.
20. Meta tistabbilixxi l-livelli limiti tal-indikaturi kwantitattivi tal-pjan ta' rkupru, b'mod konsistenti mal-qafas globali tal-ġestjoni tar-riskju ġenerali tagħha f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075, l-istituzzjoni għandha tuża metriċi progressivi ("sistema ta' dwal tat-traffiku") sabiex tinforma lill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni li potenzjalment jistgħu jintlaħqu tali livelli limiti tal-indikaturi.

Kategoriji ta' indikaturi tal-pjan ta' rkupru

21. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-pjan ta' rkupru mill-inqas dawn il-kategoriji obligatorji ta' indikaturi tal-pjan ta' rkupru kif speċifikat ulterjorment f'dawn il-linji gwida:
- indikaturi tal-kapital;
 - indikaturi tal-likwidità;
 - indikaturi tal-profittabbiltà;
 - indikaturi tal-kwalità tal-assi.
22. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-pjan ta' rkupru ż-żewġ kategoriji li ġejjin ta' indikaturi tal-pjan ta' rkupru kif speċifikat ulterjorment f'dawn il-linji gwida, sakemm ma jipprovdux ġustifikazzjonijiet

⁴ <https://eba.europa.eu/sites/default/documents/files/documents/10180/1064487/4bf18728-e836-408f-a583-b22ebaf59181/EBA-GL-2015-02%20GL%20on%20recovery%20plan%20indicators.pdf>

sodisfaċenti lill-awtoritajiet kompetenti għaliex dawn il-kategoriji mhumiex rilevanti għall-istruttura legali, il-profil tar-riskju, id-daqs u/jew il-kumplessità tal-istituzzjoni (jiġifieri preżunzjoni konfutabbli):

- a. indikaturi bbażati fuq is-suq;
 - b. indikaturi makroekonomiċi.
23. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu indikaturi speċifiċi għall-pjan ta' rkupru inklużi fil-lista skont il-kategorija pprovduta fl-Anness II għal dawn il-linji gwida, sakemm ma jipprovdwx ġustifikazzjonijiet sodisfaċenti lill-awtoritajiet kompetenti għaliex tali indikaturi speċifiċi mhumiex rilevanti għall-istruttura legali, il-profil tar-riskju, id-daqs u/jew il-kumplessità tal-istituzzjoni jew ma jistgħux jiġu applikati minħabba karatteristiċi tas-suq li topera fih l-istituzzjoni (jiġifieri preżunzjoni konfutabbli).
24. Meta istituzzjoni tikkonfuta l-preżunzjoni stipulata fil-paragrafu 23 għal kwalunkwe wieħed mill-indikaturi speċifikati fl-Anness II, fejn possibbli għandha tissostitwixxih b'indikator ieħor mill-istess kategorija li huwa aktar rilevanti għal din l-istituzzjoni. Meta ma jkunx possibbli li ssir sostituzzjoni għal kull indikator fl-Anness II, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-pjanijiet ta' rkupru tagħhom mill-inqas indikator wieħed minn kull waħda mill-kategoriji stipulati fil-paragrafu 21.
25. L-istituzzjonijiet m'għandhomx jillimitaw is-sett ta' indikaturi tagħhom għal-lista minima stipulata fl-Anness II, u għandhom jikkunsidraw l-inklużjoni ta' indikaturi oħrajn skont il-prinċipji u f'konformità mad-deskrizzjoni tal-kategoriji stipulati f'dawn il-linji gwida. Għal dan il-għan, l-Anness III jinkludi lista mhux eżawrjenti b'eżempji ta' indikaturi addizzjonali tal-pjan ta' rkupru mqasma skont il-kategoriji.
26. Il-qafas tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru għandu:
- a. ikun adattat għall-mudell tan-negozju u l-istrateġija ta' istituzzjoni u għandu jkun adegwat għall-profil tar-riskju tagħha. Għandu jidentifika l-vulnerabbiltajiet ewlenin li l-aktar jistgħu jaffettwaw is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni;
 - b. ikun adegwat għall-istruttura legali, id-daqs u l-kumplessità ta' kull istituzzjoni. B'mod partikolari, l-għadd ta' indikaturi għandu jkun suffiċjenti biex iwissi lill-istituzzjoni dwar il-kundizzjonijiet li qegħdin jiddeterjoraw f'oqsma varjati. Fl-istess waqt, dan in-numru ta' indikaturi għandu jkun immirat u jista' jiġi ġestit b'mod adegwat mill-istituzzjonijiet;
 - c. ikun allinjat mal-qafas globali ta' ġestjoni tar-riskju u mal-indikaturi eżistenti tal-pjan ta' kontinġenza tal-likwidità jew tal-kapital, u mal-indikaturi tal-pjan ta' kontinwità tan-negozju;
 - d. jippermetti monitoraġġ regolari u jkun integrat fil-governanza tal-istituzzjoni u fil-proċeduri ta' eskalazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet; u
 - e. jinkludi indikaturi li jħarsu 'l quddiem.

Rekwiżiti għall-kalibrazzjoni tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru

27. Għall-kalibrazzjoni tal-qafas tal-indikaturi, l-istituzzjoni għandha tikkunsidra dawn li ġejjin:
- a. Il-kapaċità kumplessiva tal-irkupru tal-opzjonijiet disponibbli: istituzzjonijiet b'kapaċità kumplessiva tal-irkupru aktar limitata għandhom jikkunsidraw ksur aktar bikri tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru sabiex jimmassimizzaw il-probabbiltà li l-implimentazzjoni tal-opzjonijiet ta' rkupru aktar limitati tirnexxi.

- b. Il-perjodu ta' żmien u l-kumplessità tal-implimentazzjoni tal-opzjonijiet ta' rkupru, b'kunsiderazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza, l-approvazzjonijiet regolatorji meħtieġa fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha u l-impedimenti operattivi potenzjali għall-eżekuzzjoni. L-istituzzjonijiet li jiddependu fuq opzjonijiet li huma aktar kumplessi biex jiġu esegwiti u li possibbilment jieħdu aktar ħin biex jiġu implimentati għandu jkollhom indikaturi kkalibrati kif meħtieġ b'mod aktar konservattiv, sabiex jippermettu twissija biżżejjed minn qabel.
- c. F'liema stadju tal-kriżi l-opzjoni ta' rkupru tista' realistikament tintuża b'mod effettiv. Filwaqt li tikkunsidra dan l-aspett, l-istituzzjoni għandha tikkunsidra l-fatt li għal uħud mit-tipi ta' opzjonijiet jista' jkun diffiċli li jinkisbu l-benefiċċji kollha aktar tard fis-sitwazzjoni ta' stress għall-kuntrarju tal-implimentazzjoni bikrija. Pereżempju, fil-każ tal-opzjoni ta' rkupru ta' "ż-żieda tal-kapital fis-suq" istituzzjoni għandha tikkunsidra jekk u meta dan jista' realistikament jinkiseb. L-istituzzjonijiet għandhom jirrikonoxxu li hemm mnejn isir aktar diffiċli li jiżdied il-kapital estern aktar ma l-istituzzjoni tkun qrib li tikser ir-rekwiżiti tal-kapital tagħha.
- d. Ir-ritmu tad-deterjorament fi kriżi. L-istituzzjonijiet għandhom jirrikonoxxu li, filwaqt li r-ritmu tad-deterjorament se jiddependi finalment miċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-kriżi, il-profil speċifiċi tal-istituzzjonijiet, inklużi iżda mhux limitati għall-istituzzjonijiet b'mudell tan-negożju inqas diversifikat kif ukoll ċirkostanzi individwali oħrajn, jistgħu jirriżultaw f'deterjorament aktar rapidu tal-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni u f'perjodu ta' żmien iqsar disponibbli għall-implimentazzjoni tal-opzjonijiet ta' rkupru. F'dan ir-rigward, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw ukoll li jużaw indikaturi li juru d-deterjorament matul iż-żmien sabiex jidentifikaw sitwazzjonijiet li fihom iseħħ deterjorament rapidu u sostanzjali tal-pożizzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni (eż. kapital). Barra minn hekk, il-monitoraġġ tal-bidla f'metrika għandu jiġi meqjus fejn ikun diffiċli li jiġi definit punt uniku fiż-żmien fejn teħtieġ issir eskalazzjoni.
- e. Il-qafas ta' ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni (inkluż l-ICAAP) u l-qafas tal-aptit għar-riskju. Istituzzjoni għandha tiżgura li l-kalibrazzjoni tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru tkun konsistenti mal-ġestjoni tar-riskju u l-qafas tal-aptit għar-riskju tagħha (eż. qafas ta' twissija bikrija, pjanijiet ta' kontinġenza u ta' kontinwità tan-negożju).
28. Istituzzjoni għandha tkun kapaċi tispjega lill-awtorità kompetenti kif ġew iddeterminati l-kalibrazzjonijiet tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru u turi li l-livelli limiti jintlaħqu kmieni biżżejjed biex ikunu effettivi.
29. L-adekwatezza tal-kalibrazzjonijiet tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru għandha tkun immonitorjata regolament u, skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, aġġornata mill-inqas kull sena jew aktar frekwenti fejn l-aġġornament, kif propost mill-istituzzjoni, ikun meħtieġ minħabba bidla fis-sitwazzjoni finanzjarja u kummerċjali tal-istituzzjoni. Kwalunkwe aġġornament fil-kalibrazzjoni tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru għandu jkun notifikat, spjegat u ġustifikat fil-pront u kif dovut lill-awtorità kompetenti. Tali aġġornament għandu jiġi maqbul mill-awtoritajiet kompetenti waqt li jagħmlu l-valutazzjoni tagħhom tal-pjan ta' rkupru.
30. L-awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni jistgħu jiddeċiedu li jimplimentaw miżuri ta' salvataġġ temporanji fil-każ ta' kriżi sistematika bil-għan li jtaffu l-piżijiet regolatorji li jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jkomplu jsostnu l-ekonomija reali. B'kunsiderazzjoni tan-natura temporanja u l-għan speċifiku ta' dawk il-miżuri ta' salvataġġ superviżorji u ta' riżoluzzjoni, l-għoti tagħhom m'għandu jirriżulta fl-ebda bidla awtomatika għall-kalibrazzjoni tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru tal-istituzzjonijiet.
31. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaqblu mal-aġġornament tal-kalibrazzjoni tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru f'każijiet ġustifikati kif dovut b'hal dawn li ġejjin:

- a. L-indikaturi kkalibrati mill-ġdid jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali għall-kalibrazzjoni tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru kif spjegat fil-paragrafu 27.
- b. Dawk il-bidliet jirriflettu bidliet fil-profil kummerċjali u finanzjarju tal-istituzzjoni u huma allinjati mal-ġestjoni tar-riskju intern u l-qafas tal-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni.
- c. Il-kalibrazzjoni mill-ġdid ma tmurx kontra l-għanijiet tal-miżuri ta' salvataġġ superviżorji.
- d. L-indikaturi tal-kapital huma f'kull ħin ikkalibrati f'livelli li jaqbu l-ammont rilevanti ta' fondi proprji meħtieġa skont il-Partijiet Tlieta, Erbġħa u Sebġha tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402 u punt (a) tal-Artikolu 104(1) tad-Direttiva 2013/36/UE kif rilevanti.

Azzjonijiet u notifiki malli jsir ksur ta' indikatur

32. Sabiex il-ksur ta' indikatur jilħaq il-potenzjal tat-twissija tiegħu b'mod effettiv, b'konformità mal-proċeduri interni speċifikati fil-pjanijiet ta' rkupru tagħhom skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075, l-istituzzjonijiet għandhom fil-pront u f'kull każ:
 - a. fi żmien jum wieħed ta' negozju mill-ksur tal-indikatur tal-pjan ta' rkupru, iwissu lill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni billi jattivaw il-proċess ta' eskalazzjoni xieraq sabiex jiżguraw li kwalunkwe ksur ikun meqjus u, fejn rilevanti, tittieħed azzjoni; u
 - b. mhux aktar tard minn jum wieħed addizzjonali ta' negozju wara l-eskalazzjoni interna msemmija f'(a) hawn fuq, jinnotifikaw il-ksur ta' indikatur tal-pjan ta' rkupru lill-awtorità kompetenti rilevanti.
33. Fejn ikun sar ksur ta' indikatur tal-pjan ta' rkupru, il-korp maniġerjali tal-istituzzjoni għandu, inkluż abbażi tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, jivvaluta s-sitwazzjoni, jiddeċiedi jekk għandhomx jittieħdu azzjonijiet ta' rkupru u jinnotifika fil-pront lill-awtorità kompetenti.
34. Id-deċiżjoni meħuda mill-istituzzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti għandha tkun ibbażata fuq analiżi raġunata taċ-ċirkostanzi madwar il-ksur. Fejn dik id-deċiżjoni tkun li l-istituzzjoni tiegħu azzjoni skont il-pjan ta' rkupru, l-awtorità kompetenti għandha tingħata pjan ta' azzjoni bbażat fuq lista ta' opzjonijiet ta' rkupru fattibbli u kredibbli potenzjali għall-użu f'din is-sitwazzjoni ta' stress u skeda għar-rimedju tal-ksur. Jekk ma tkunx ġiet deċiżja azzjoni, l-ispjegazzjoni pprovduta lill-awtorità kompetenti għandha tartikola biċ-ċar ir-raġunijiet għalfejn u, fejn xieraq, turi kif ir-restawr ta' tipi speċifiċi ta' indikaturi u l-ksur tagħhom ikun possibbli mingħajr l-użu ta' miżuri ta' rkupru.
35. Kwalunkwe azzjoni jew opzjoni magħżula jew ikkunsidrata mill-istituzzjoni wara ksur ta' indikatur, anki jekk ma kinitx inkluża preċedentement fil-pjan ta' azzjoni, għandha titqies rilevanti għall-komunikazzjoni mal-awtorità kompetenti. B'mod indikattiv, għal dak il-għan, l-opzjonijiet ta' rkupru għandhom jinkludu miżuri li huma straordinarji fin-natura tagħhom kif ukoll miżuri li jistgħu wkoll jittieħdu matul in-negozju normali kif imsemmi fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075 (eż. minn miżuri ta' kontinġenza għal opzjonijiet ta' rkupru aktar estremi u radikali).
36. Id-deċiżjoni finali dwar l-attivazzjoni potenzjali tal-pjan ta' rkupru tibqa' tal-istituzzjoni u ma tiskattax awtomatikament permezz ta' ksur. Wara n-notifika tal-ksur, l-awtorità kompetenti għandha iżomm kuntatt attiv mal-istituzzjoni.

37. Għall-finijiet tal-paragrafu preċedenti, l-awtorità kompetenti għandha timmonitorja (i) l-attivazzjoni xierqa u f'waqtha mill-istituzzjoni tal-proċeduri ta' eskalazzjoni u (ii) jekk id-diskussjoni dwar l-attivazzjoni tal-pjan tkunx qed issir fuq il-livell tal-maniġment it-tajjeb tal-istituzzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk ir-raġunament sottostanti pprovdut mill-istituzzjoni għad-deċiżjoni tagħha li timplimenta jew ma timplimentax opzjonijiet ta' rkupru jkunx trasparenti u raġunat sew.

Arranġamenti għall-monitoraġġ tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru

38. Il-monitoraġġ tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru mill-istituzzjoni għandu jkun stabbilit bi frekwenza adegwata u jippermetti s-sottomissjoni f'waqtha tal-indikaturi lill-awtoritajiet kompetenti fuq talba tagħhom.
39. Meta mitluba mill-awtorità kompetenti, l-istituzzjoni għandha tkun tista' tipprovdilha l-valuri għas-sett sħiħ tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru (miksura jew le) mill-inqas fuq bażi ta' kull xahar, anki jekk il-valuri għall-indikaturi ma jkunux inbidlu. L-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra li titlob tali informazzjoni fuq bażi aktar frekwenti, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jew fejn ikun sar ksur ta' indikatur wieħed jew aktar tal-pjan ta' rkupru, fid-dawl tan-natura u l-veloċità tal-kriżi (b'ritmu mgħaġġel jew bil-mod) u t-tip ta' indikatur (eż. indikaturi tal-likwidità).

5. Indikaturi tal-pjan ta rkupru

Indikaturi tal-kapital

40. L-indikaturi tal-kapital għandhom jidentifikaw kwalunkwe deterjorament konsiderevoli attwali jew possibbli fil-futur fil-kwantità u l-kwalità tal-kapital f'negozju avvjat, inkluż livell dejjem akbar ta' ingranaġġ.
41. Meta tkun qed tagħżel l-indikaturi tal-kapital, l-istituzzjoni għandha tikkunsidra modi kif tindirizza l-kwistjonijiet li jinħolqu mill-fatt li l-kapaċità ta' tali indikaturi li jippermettu reazzjoni f'waqtha tista' tkun inqas minn dik ta' tipi oħrajn ta' indikaturi, u ċerti miżuri biex tiġi restawrata l-pożizzjoni ta' kapital ta' istituzzjoni jistgħu jkunu soġġetti għal perjodi ta' eżekuzzjoni itwal jew għal sensittività akbar għas-suq u kundizzjonijiet oħrajn. B'mod partikolari, dan jista' jinkiseb permezz tal-istabbiliment ta' projezzjonijiet li jħarsu 'l quddiem, li għandhom jikkunsidraw maturitajiet kuntrattwali materjali relatati ma' strumenti kapitali.
42. L-indikaturi tal-kapital għandhom ukoll ikunu integrati fil-Proċess ta' Valutazzjoni Interna dwar l-Adegwatezza tal-Kapital (ICAAP) tal-istituzzjoni skont l-Artikolu 73 tad-Direttiva 2013/36/UE.
43. Il-livelli limiti għal indikaturi bbażati fuq rekwiżiti regolatorji ta' kapital għandhom ikunu kkalibrati mill-istituzzjoni f'livelli adegwati sabiex tiżgura distanza suffiċjenti minn ksur tar-rekwiżiti ta' kapital applikabbli għall-istituzzjoni (inklużi r-rekwiżiti ta' fondi proprji minimi kif speċifikati fl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) 575/2013 u rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali applikati skont l-Artikolu 104(1)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE.

44. F'konformità mal-għan tal-proċess ta' rkupru u l-flessibilità mogħtija lill-istituzzjoni biex taġixxi b'mod indipendenti fil-ksur tal-indikaturi, l-indikaturi tal-kapital regolatorji għandhom jitqiegħdu fuq livell ogħla minn dawk li jippermettu intervent superviżorju.
45. Ġeneralment, l-indikaturi tal-kapital għandhom ikunu kkalibrati 'l fuq mir-rekwiżit ta' bafer tal-kapital kombinat. Fejn istituzzjoni tikkalibra l-indikaturi tal-kapital tagħha fi ħdan il-bafers, għandha turi biċ-ċar fil-pjan ta' rkupru tagħha li l-opzjonijiet ta' rkupru tagħha jistgħu jiġu implimentati f'sitwazzjoni fejn il-bafers ikunu ġew użati bis-sħiħ jew b'mod parzjali.
46. Il-livelli limiti għall-indikaturi relatati mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 45c u 45d tad-Direttiva 2014/59/UE (rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli – MREL) u l-Artikolu 92a jew 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (TLAC), espressi bħala perċentwali tal-iskopertura totali għar-riskju (TREA) u l-kejl tal-iskopertura totali (TEM), għandhom ikunu allinjati mal-kalibrazzjoni tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru tal-kapital regolatorju u għandhom ikunu stabbiliti f'livell 'il fuq minn dak li jippermetti l-intervent tal-awtorità ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 16a tad-Direttiva 2014/59/UE [kif introdott mid-Direttiva (UE) 2019/879] u l-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE [kif emendat mid-Direttiva (UE) 2019/878]. Il-livell limitu ġeneralment għandu jkun ikkalibrat mill-istituzzjoni 'l fuq mir-rekwiżit ta' bafer kombinat meta jitqies flimkien ma' (i) ir-rekwiżit minimu tat-TLAC u (ii) l-MREL finali jew il-livelli ta' mira intermedjarji vinkolanti tal-MREL (jekk differenti) espressi bħala perċentwali tat-TREA. L-istituzzjoni għandha tikkunsidra wkoll kwalunkwe element addizzjonali meqjus rilevanti meta jiġu determinati dawk ir-rekwiżiti, inkluż ir-rekwiżit ta' subordinazzjoni, fejn applikabbli. Jekk istituzzjoni jkollha tiddeċiedi li tikkalibra l-indikaturi relatati mal-MREL u t-TLAC fi ħdan il-bafers, teħtieġ li turi biċ-ċar fil-pjan ta' rkupru tagħha li l-opzjonijiet ta' rkupru tagħha jistgħu jiġu implimentati f'sitwazzjoni fejn il-bafers ikunu ġew użati bis-sħiħ jew b'mod parzjali.
47. Il-livell limitu tal-indikatur għandu jikkunsidra l-profil ta' maturità tal-obbligazzjonijiet eliġibbli u l-kapaċità tal-istituzzjoni li tipposponihom. Għal gruppi bi strateġija ta' riżoluzzjoni ta' MPE, fejn il-kamp ta' applikazzjoni prudenzjali u dak ta' riżoluzzjoni jistgħu jkunu differenti, l-istituzzjoni għandha tikkalibra l-livell konsolidat tal-indikaturi MREL/TLAC għal kull wieħed u waħda mill-entitajiet/gruppi ta' riżoluzzjoni.
48. Il-kalibrazzjoni tal-livell limitu għal MREL għandu jiġi maqbul mill-awtorità kompetenti b'konsultazzjoni mal-awtorità ta' riżoluzzjoni waqt il-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru. Malli tiġi nnotifikata mill-istituzzjoni bi ksur tal-indikatur MREL, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-awtorità ta' riżoluzzjoni u tikkoopera magħha filwaqt li tqis l-importanza tal-MREL għall-oġġettivi tar-riżoluzzjoni skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2014/59/UE.

Indikaturi tal-likwidità

49. L-indikaturi tal-likwidità għandhom ikunu kapaċi jinformaw lil istituzzjoni dwar il-potenzjal ta' deterjorament jew id-deterjorament reali tal-kapaċità tal-istituzzjoni li tissodisfa l-likwidità kurrenti u prevista tagħha u l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha.
50. L-indikaturi tal-likwidità tal-istituzzjoni għandhom jirreferu kemm għal-likwidità fuq terminu qasir kif ukoll għal-likwidità fit-tul u l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-istituzzjoni u jqisu id-dipendenza tal-istituzzjoni fuq is-swieq tal-operaturi u d-depożiti fil-livell tal-konsumatur, filwaqt li jiddistingwu bejn muniti ewlenin fejn ikun rilevanti.

51. L-indikaturi tal-likwidità għandhom ikunu integrati mal-istrateġiji, il-politiki, il-proċessi u s-sistemi żviluppati minn kull istituzzjoni skont l-Artikolu 86 tad-Direttiva 2013/36/UE u l-qafas eżistenti tagħha ta' ġestjoni tar-riskju.
52. L-indikaturi tal-likwidità għandhom ikopru wkoll ħtiġijiet potenzjali oħrajn ta' likwidità u ta' finanzjament, bħall-iskoperturi ta' finanzjament intragrupp u dawk li jirriżultaw minn strutturi barra l-karta bilanċjali.
53. Il-livelli limiti għall-indikaturi tal-likwidità għandhom jiġu kkalibrati mill-istituzzjoni f'livelli adegwati sabiex ikunu jistgħu jinformat lill-istituzzjoni bil-potenzjal ta' riskji u/jew b'riskji reali li ma jikkonformawx ma' dawk ir-rekwiżiti minimi (inklużi r-rekwiżiti ta' likwidità addizzjonali skont l-Artikolu 105 tad-Direttiva 2013/36/UE, jekk applikabbli).
54. Il-livelli limiti għal indikaturi bbażati fuq ir-rekwiżiti ta' likwidità regolatorja (indikaturi LCR u NSFR) għandhom għalhekk ikunu kkalibrati 'l fuq mir-rekwiżiti minimi ta' 100%.
55. Sabiex tikkalibra l-livelli limiti tal-pożizzjoni tal-likwidità, l-istituzzjoni għandha tqis metriċi ta' likwidità użati għall-monitoraġġ intern, li jirriflettu s-suppożizzjonijiet tagħha stess fuq il-likwidità li jistgħu realistikament ikunu derivati minn sorsi mhux meqjusin fir-rekwiżiti regolatorji. Għal dan, l-istituzzjoni tista' tikkunsidra l-ammonti tal-kapaċità ta' kontro bilanċ (CBC), sorsi oħra ta' likwidità (eż. depożiti ma' istituzzjoni ta' kreditu oħrajn) u kwalunkwe aġġustamenti rilevanti oħra. Meta tistabbilixxi indikaturi li jħarsu 'l quddiem, l-istituzzjoni għandha tivvaluta liema maturità għandha tikkunsidra, skont il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni, u mbagħad tqis l-influssi u l-flussi ta' ħruġ stmati.

Indikaturi tal-profittabbiltà

56. L-indikaturi tal-profittabbiltà għandhom jqisu kwalunkwe aspett relatat mad-dħul ta' istituzzjoni li jista' jwassal għal deterjorament rapidu tal-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni permezz ta' qligħ imfaddal aktar baxx (jew telf) li jaffettwaw il-fondi proprji tal-istituzzjoni.
57. Din il-kategorija għandha tinkludi indikaturi tal-pjan ta' rkupru li jirreferu għal telf operattiv relatat mar-riskju li jista' jkollu impatt konsiderevoli fuq ir-rapport tal-introjtu, inklużi, iżda mhux limitati biss, għal kwistjonijiet relatati mal-kondotta, frodi esterna u interna u/jew avvenimenti oħrajn.

Indikaturi tal-kwalità tal-assi

58. L-indikaturi tal-kwalità tal-assi għandhom ikejlu u jimmonitorjaw l-evoluzzjoni tal-kwalità tal-assi tal-istituzzjoni. B'mod aktar speċifiku, għandhom jindikaw meta d-deterjorament tal-kwalità tal-assi jista' jwassal sal-punt li fih l-istituzzjoni għandha tikkunsidra li tiegħu azzjoni deskritta fil-pjan ta' rkupru.
59. L-indikaturi tal-kwalità tal-assi jistgħu jinkludu kemm proporzjon ta' azzjonijiet kif ukoll ta' flussi ta' skoperturi li ma jrendux sabiex jqisu l-livell u d-dinamika tagħhom.
60. L-indikaturi tal-kwalità tal-assi għandhom ikopru aspetti bħal skoperturi barra l-karta bilanċjali u l-impatt ta' self li ma jrendix fuq il-kwalità tal-assi.

Indikaturi bbażati fuq is-suq

61. L-indikaturi bbażati fuq is-suq għandhom l-għan li jqisu l-aspettattivi tal-parteciċipanti fis-suq minn kundizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni li tiddeterjora malajr li tista' twassal għal tfixkil fl-aċċess għas-

swieq ta' finanzjament u ta' kapital. F'konformità ma' dan l-għan, il-qafas ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi għandu jirreferi għal dawn it-tipi ta' indikaturi li ġejjin:

- a. indikaturi bbażati fuq l-ekwità li jqisu l-varjazzjonijiet fil-prezz tal-ishma ta' kumpaniji elenkati, jew proporzjonijiet li jkejlu r-relazzjoni bejn il-valur kontabilistiku u dak tas-suq tal-ekwità;
- b. indikaturi bbażati fuq id-dejn, li jqisu l-aspettattivi minn fornituri ta' finanzjament tal-operaturi bħal swaps ta' inadempjenza ta' kreditu jew firxiet tad-dejn;
- c. indikaturi relatati mal-portafoll, li jqisu l-aspettattivi b'rabta ma' klassijiet ta' assi speċifiċi rilevanti għal kull istituzzjoni (eż. l-proprjetà immobbli);
- d. twaqqiġh fil-klassifikazzjonijiet (fit-tul u/jew fuq terminu qasir) hekk kif jirriflettu l-aspettattivi tal-aġenzji ta' klassifikazzjoni li jistgħu jwasslu għal bidliet rapidi fl-aspettattivi tal-parteċipanti tas-suq fir-rigward tal-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni.

Indikaturi makroekonomiċi

62. L-indikaturi makroekonomiċi għandhom l-għan li jqisu sinjali ta' deterjorament fil-kundizzjonijiet ekonomiċi li fihom topera l-istituzzjoni, jew ta' konċentrazzjonijiet ta' skoperturi jew finanzjament.
63. L-indikaturi makroekonomiċi għandhom ikunu bbażati fuq metriċi li jinfluwenzaw il-prestazzjoni tal-istituzzjoni f'żoni ġeografiki jew setturi ta' negozju speċifiċi rilevanti għall-istituzzjoni.
64. L-indikaturi makroekonomiċi għandhom jinkludu dawn it-tipoloġiji li ġejjin:
 - a. indikaturi makroekonomiċi ġeografiki, relatati ma' diversi ġurisdizzjonijiet li għalihom hija esposta l-istituzzjoni, filwaqt li jikkunsidraw ukoll ir-riskji li jinqalgħu minn ostakoli legali potenzjali;
 - b. indikaturi makroekonomiċi settorjali, relatati ma' setturi speċifiċi kbar ta' attività ekonomika li għalihom hija esposta l-istituzzjoni (eż. it-tbaħħir, il-proprjetà immobbli).

Anness I – Kategoriji ta' indikaturi tal-pjan ta' rkupru

Kategoriji ta' indikaturi tal-pjan ta' rkupru (l-ewwel erba' kategoriji huma obligatorji, filwaqt li l-aħħar żewġ kategoriji jistgħu jiġu esklużi jekk istituzzjoni tiġġustifika li mhumiex rilevanti għaliha)
Kategoriji obligatorji
1. Indikaturi tal-kapital
2. Indikaturi tal-likwidità
3. Indikaturi tal-profittabbiltà
4. Indikaturi tal-kwalità tal-assi
Kategoriji soġġetti għal preżunzjoni konfutabbli
5. Indikaturi bbażati fuq is-suq
6. Indikaturi makroekonomiċi

Anness II – Lista minima ta' indikaturi tal-pjan ta' rkupru

Lista minima ta' indikaturi tal-pjan ta' rkupru (kull indikatur huwa soġġett għall-possibbiltà li istituzzjoni tiġġustifika li mhux rilevanti għaliha, iżda f'dan il-każ għandu jkun sostitwit b'indikatur ieħor li jkun aktar rilevanti għal din l-istituzzjoni)	
1. Indikaturi tal-kapital	
a)	Proporzjon ta' Grad 1 ta' Ekwiżità Komuni
b)	Proporzjon kapitali totali
c)	Proporzjon ta' ingranaġġ
d)	MREL u TLAC (fejn rilevanti)
2. Indikaturi tal-likwidità	
a)	Proporzjon tal-Kopertura tal-Likwidità
b)	Proporzjon ta' Ffinanzjar Stabbli Nett
c)	Assi mhux gravati disponibbli eleġibbli għall-bank ċentrali
d)	Il-pożizzjoni tal-likwidità
3. Indikaturi tal-profittabbiltà	
a)	(Redditu fuq l-assi) jew (redditu fuq l-ekwiżità)
b)	Telf operattiv sinifikanti
4. Indikaturi tal-kwalità tal-assi	
a)	Rata ta' tkabbir tas-self li ma jrendix gross
b)	Proporzjon tal-kopertura [provvedimenti / (self li ma jrendix totali)]
5. Indikaturi bbażati fuq is-suq	
a)	Klassifikazzjoni taħt revizzjoni negattiva jew twaqqiġ fil-klassifikazzjoni
b)	Firxa ta' CDS
c)	Varjazzjoni fil-prezz tal-azzjonijiet
6. Indikaturi makroekonomiċi	
a)	Varjazzjonijiet fil-PDG
b)	CDS ta' emittenti sovrani

Anness III – Eżempju ta' lista ta' indikaturi addizzjonali tal-pjan ta' rkupru

Indikaturi addizzjonali tal-pjan ta' rkupru (lista mhux eżawrjenti pprovduta għal finijiet ta' eżempju biss)
1. Indikaturi tal-kapital
a) (Qliġh imfaddal u riżervi) / ekwità totali
b) Informazzjoni avversa dwar il-pożizzjoni finanzjarja ta' kontropartijiet sinifikanti
2. Indikaturi tal-likwidità
a) Konċentrazzjoni ta' sorsi ta' likwidità u ta' finanzjament
b) Spiża tal-finanzjament totali (finanzjament fil-livell tal-konsumatur u tal-operaturi)
c) Tul medju ta' finanzjament tal-operaturi
d) Diskrepanza fil-maturità kuntrattwali
e) Spiża tal-finanzjament tal-operaturi
3. Indikaturi tal-profittabbiltà
a) Proporzjon tal-introjtu u l-ispejjeż (spejjeż operatorji / introjtu operatorju)
b) Marġni tal-imgħax nett
4. Indikaturi tal-kwalità tal-assi
a) Self li ma jrendix nett / ekwità
b) (Self li ma jrendix gross) / self totali
c) Rata ta' tkabbir ta' insuffiċjenzi fuq assi finanzjari
d) Self li ma jrendix permezz ta' konċentrazzjoni ġeografika jew settorjali sinifikanti

e) Skoperturi mraġżna ⁵ / skoperturi totali
5. Indikaturi bbażati fuq is-suq
a) Proporzjon tal-prezz għall-kontabilità
b) Theddida għar-reputazzjoni tal-istituzzjoni jew ħsara sinifikanti għar-reputazzjoni
6. Indikaturi makroekonomiċi
a) Klassifikazzjoni taħt revizzjoni negattiva jew twaqqiġ fil-klassifikazzjoni ta' emittenti sovrani
b) Rata tal-qgħad

⁵ "Skoperturi mraġżna" kif definiti fl-Artikoli [Commission Implementing Regulation (EU) 2021/451 of 17 December 2020, Annex V, Part 2, par. 240-268].